# FIL-QORTI CIVILI
## (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 2 ta' April 2025**

**<u>Rikors guramentat nru : 16/2023 AGV</u>**

**GP**

**Vs**

**CR F**

**Il-Qorti,**

**Rat ir- Rikors guramentat tal-attrici GP datat 23 ta' Jannar 2023 fejn ippremettiet is-segwenti:-**

1. Illi minn relazzjoni extra-maritali li l-partijiet kellhom flimkien twieldet il-minuri K nhar l-erbatax ta' Gunju tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (14.06.2021) kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid immarkat bhala **Dok.A.**

2. Illi dak iz-zmien il-partijiet kienu jghixu flimkien fil-proprjeta' tal-familja tal-intimat u propju wara t-twelid tal-minuri in kwistjoni feggew jew ahjar intensifikaw ruhhom elementi fil-karattru tal-intimat li per sfortuna ghamluha impossibbli t-tkomplija tar-relazzjoni ta' bejn il-partijiet.

3. Illi fil-fatt l-elementi ta' kontroll estrem u forom ta' manipulazzjoni kwazi dittatorjali l-esponenti ta' kontroll attrici kienet drathom b`dana illi appena twieldet il-minuri dan il-kontroll li hu beda jezercita fuq id-decizjonijiet kollha li jikkoncernaw lilha u b`mod specjali lill-minuri inkluz b`forom estremi ta' ndhil dwar prattikament kollox inkluz x`issajjar kif issajjar, minn fejn taghmel ix-xiri u wara wkoll kif izomm kif titma u kif tisqi lil minuri li saru insapportabbli u ma kienux xejn ghajr forma ta' vjolenza psikologika f`perjodu daqstant sensittiv u li fih l-esponenti kienet vunerabbli ghall-ahhar, f`ambjent iddominat mill-intimat u mill-membri kollha tal-familja tieghu, bl-esponenti izolata miinn familtha kollha.

4. Illi sussegwentament l-attrici giet kostretta titlaq mid-dar fejn il-partijiet kienu jabitaw flimkien u tibda proceduri sabiex tirregola l-

aspetti tat-trobbija ta’ bintha, filwaqt li tallontana ruhha mill-ambjent xejn pjacevoli li sabet ruhha fih, fejn kien car ghaliha li r-relazzjoni ta’ bejniethom iddeterjoraw b`tali mod li minbarra l-indhil estrem tal-fissazzjonijiet abnormali ghall-ahhar tal-intimat fuq bintu ma kienux ser jaraw titjieb minghajr ghajnuna professjonali.

5. Illi kontra kull xewqa taghha l-esponenti kellha thalli lil bintha warajha stante li l-intimat bl-ebda mod ma halliha tohrog mid-dar bit-tarbija maghha u sahansitra ittiehdet fl-appartament tal-genituri tal-intimat waqt li l-esponenti tkecciet mid-dar u kellha wkoll thalli ammont ta’ mobbli, inkluz hwejjeg, gugarelli u hwejjeg ohra relatati mat-trobbija tal-minuri li jew xtrat hija wehidha jew flimkien mal-intimat jew li nkella gew moghtija lilha minn membri tal-familja taghha b`dan li tali oggetti minkejja li ntalbu ripetutament matul il-medjazzjoni qatt ma inghataw lura lill-mittenti kif ser jigi pprovat.

6. Illi l-attrici ghada ittantat tirregola l-aspetti bhala residenza stabbli tal-minuri li ghad li l-esponenti stenniet li ser ikun hemm resistenza ghaliha b`sorpriza ghaliha l-intimat wiegeb ghal tali talba billi gideb minn znietu, esagera kemm felah nofs veritajiet u vvinta qlajjiet xokkanti fuq il-membri tal-familja taghha bl-intiza cara li l-minuri binthom tibqa’ tghix fil-kumpanija tieghu.

7. Illi fuq l-iskorta ta’ tali risposta dina l-Onorabbli Qorti awtorizzat lid-Direttur ghall-Harsien tat-Tfal sabiex jinvestiga tali fatti allegati filwaqt li giet stabbilta rutina t`access supervizjonat a favur l-omm b`dan illi l-minuri kellha tibqa tirrisjedi fir-residenza tal-intimat missier kopja tad-digriet annessa u mmarkata bhala **Dok.B .**

8. Illi l-esponenti kontra kull xewqa taghha baxxiet rasha ghal tali digriet u gharfet tutilizza l-massimu tal-hin a dispozzjoni taghha ma' bintha ghad li dan ma kien facli xejn, stante li l-intimat ghamilha ferm aktar difficli minn kemm kien hemm il-htiega tkun sabiex l-esponenti tqatta hin ma' bintha cahhadha minn okkazjonijiet numeruzi inkluzi il-Milied, Birthdays u l-okkazzjonijiet ohra meta dawn ma waqghux fl-iskeda degretata minn dina l-Onorabbli Qorti u wara tali access regolament ghamel cert li jtappan tali esperjenzi b`allegazzjonjiet fir-rigward tal-ikel li tkun temghet lil minuri jew xi tbengil li jiffissa fuqu u jallega li dawn tkun ikkagunathom l-istess omm matul l-access u anke jekk spiss l-access ikun sehh fil-prezenza tal-haddiema socjali u wara kollox l-esponenti certament li maggha bzonn l-ebda pariri dwar it-trobbija ta' minuri minghand l-intimat stante li hija diga' ghandha wild iehor li prattikament il-htigijiet tieghu fl-ewwel xhur ipprovdiethomlu hi wehidha.

9. Illi minkejja li l-esponenti gharfet l-ingustizzja li kienet saret maghha fehmet li l-qlajjiet li vvinta dwarha u dwar familtha l-intimat gabu f`sitwazzjoni ta' allarm lill-awtoritajiet li kellhom jiehdu l-kawtela kollha biex jinvestigaw u jaccertaw ruhhom li dak li kien gie allegat fil-fatt mhuwiex minnu. Kien ghalhekk li minflok irribellat hadmet id f`id mal-haddiema socjali Andreana Gellel, MM , u C kunjomha mhux maghruf li maghha hija ghanda relazzjoni eccellenti.

10. Illi fil-fatt sussegentament u xhur wara l-bidu ta' din l-istharrig l-istess Direttorat permezz ta' rapport addizzjonali in atti ddikjara bl-akbar mod car li ma hemm xejn li jikkoncernawhom dwar l-andament tal-access u jew il-membri tal-familja tal-esponenti, tant li mbaghad anke ssuggerew li l-*visits* waqt access ma jibqghux

regolati u jsiru sporadici suggeriment tal-istess direttorat li ma ntalabx mill-esponenti!

11. Illi minkejja dan kollu u minkejja li l-partijiet iltaqghu informalment sabiex ikunu diskussi l-arrangamenti tat-trobbija tal-minuri l-intimtat baqa' jirrifjuta li l-minuri tibqa' tirrisjedi mal-esponenti ommha u flimkien ma huha l-kbir irrifjuta wkoll li tal-inqas jinqasam b`mod aktar gust hin il-minuri bejn il-partijiet u addirittura cahad lill-esponenti omm minn *sleepover* bi qbil bejniethom.

12. Illi minflok saret biss varjazzjoni fl-access permezz ta' nota kongunta fl-ahhar stadju tal-medjazzjoni sabiex dawn ikunu aktar in konformita mal-hinijiet lavorattivi tal-esponenti, li dak iz-zmien kienet regghet dahlet lura fid-dinja tax-xoghol hekk kif ghandha impjegata llum fuq bazi *full-time*.

13. Illi jigi sottomessi bir-rispett li ghad li l-esponenti fehmet li kellha tikkollabora bis-shih mal-haddiema socjali sabiex taccerta lill-awtoritajiet li mhuwiex minnu li hemm elementi fil-familja tal-esponenti li ghandhom jimmilitaw sabiex icahhadu lill-esponenti mit-trobbija ta' bintha jew addirittura jcahhduha mid-dritt li taddotta arrangamenti ta' *co-parenting* jew *sleepovers* issa li dan gie stabbilit wara xhur ta' stharrig u monitoring mill-istess Direttorat li ddikjara dan fl-atti, l-esponenti ma tarax ghalfejn ghandha tkompli ticcahhad minn hin prezzjuz flimkien ma' bintha.

14. Illi bi thejjija ghar-rikolazzjoni tal-wild li qieghda tintalab f`dawn il-proceduri l-esponenti fil-prezent qieghda tibda s-sighat lavorattivi taghha fil-hin tas-sebgha neqsin kwart ta' filghodu sabiex ikun

possibbli ghalha li thun fil-kumpanija ta' bintha kmieni wara nofsinhar fi hija tispicca xoghol ossia l-hin tas-saghtejn in oltre matul l-ahhar xhur l-esponenti kienet qieghda wkoll tikkontribwixxi finanzjarjament ghat-trobbija ta' bintha b`dan li spiss kien hemm diffikultajiet li l-intimat jinformaha b`tali spejjez anke meta jkunu mitlub jaghmel dan wisq probabbli ghaliex jippreferi jkollu xi haga b`xiex jheddidha meta u jekk ikun hemm il-htiega.

15. Illi sussegwentamnt inghata wkoll digriet dwar il-hlasijiet dovuti kwantu ghall-manteniment u dan qieghed jithallas regolarment skond tali digriet **Dok C.**

16. Illl filwaqt li l-esponenti tiddijara li tafu b`dawn il-fatti personalment u li ser tixhed dwarhom kien ghalhekk li kellha ssir din il-kawza fil-fatt l-esponenti hija awtorizzata tipprocedi b`din l-istanza permezz ta' digriet anness u mmarkat bahala **Dok D.**

Ghal dawn ir-ragunijet u ohrajn illi ser jirrizultaw waqt is-smiegh u t -trattazzjoni ta' din il-kawza jghid ghalhekk l-intimat ghalhiex ghar-ragunijiet premessi dina l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:-

1. **Tordna** illi l-fond ta abitazzjoni bhala r-residenza stabbli tal-minuri K ghandhha tkun dik tal-esponenti omm filwaqt li l-kura u kustodja taghha f`kull kaz ghandha tibqa' wahda kongunta bejn il-partijiet, jew fin-nuqqas;

2. **Tipprovdi** ghall-arrangamenti alternattivi ghal dawk prezenti sabiex ikun assikurat arrangament ta' co-parenting adegwat li jkun jinkludi

jiem ta' access bi *sleepover* mhux necessarjament limitati ghal tmiem il-gimgha fejn il-hin minuri jinqasam b`mod ugwali bejn il-partijiet.

3. **Tistabbillixxi** r-retta alimenarja pagabbli ghal bzonnijiet tat-trobbija tal-minuri K u tordna l-hlas ta' dina r-retta alimentarja minn min mill-partijiet jekk l-arrangamenti hekk ordnati in linea mal-ewwel u/jew it-tieni talba jiddettaw il-hlas ta' tali filwaqt li f`kull kaz jigi ordnat ukoll il-hlas ta' nofs l-ispejjez inkorsi b`relazzjoni mas-sahha u l-edukazjoni tal-minuri li ghandhom ikunu a karigu tal-partijiet f`ishma ugwali bejnithom.

4. **Taghti** l-ordnijiet u d-direttivi kollha li jidrilha xieraq sabiex ikunu wkoll indizazzjonjiiet okkazzjonijiet bhala u mhux limitatament ghal dawk relatati mas-safar ta' bint il-partijiet okkazzjonijiet specjali fil-formazzjoni taghha l-attivitajiet extra-kurrikulari u l-hrug tal-passaport fost hwejjeg ohra.

Salv kull provvediment iehor xieraq u opportun.

Bl-ispejjez kontra l-intimat minn issa ngunt in subizzjoni.

**Il-Qorti,**

**Rat ir- Risposta Guramentata ta'  CR F li eccepixxa s-segwenti:-**

1. Illi fl-ewwel lok, it-talbiet tar-rikorrenti huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u huma invertieri u qarrieqa ghall-ahhar u dan ghar-ragunijiet segwenti:-

2. Illi jaqbel li mir-relazzjoni extra-martiali bejn il-partijiet kellhom tifla minuri jisimha  KF  li llum il-gurnata tghix mal-esponenti skond id-direzzjoni tal-Qorti u d-Direttorat tat-tfal.

3. Illi l-esponenti jichad kategorikament li qatt kienu jezistu ebda problemi qabel it-twelid tat-tifla u lanqas wara la fil-karattru tieghu u lanqas fir-relazzzjoni ta' bejniethom ir-retta hija l-attrici abbuzivament u bla ebda raguni riedet tiehu t-tifla minuri mir-residenza ordinarja gia' stabbilita sabiex tghix f`proprjeta' mikrija flimkien mal-familja taghha f`liema propjeta' allegatament kienu ser jirrisjedu seba' minn nies li jinkludu il-genituri, lill-attrici lil binha lil huha kif ukoll potenzjalment partners tal-istess f`propjeta' li tikkonsisti fi tliet kmamar tas-sodda.

4. Illi di piu' il-karattru tal-intimat huwa wiehed responsabbli u ezemplari u qatt ma kien hemm ebda allegazzjoniet la qabel u lanqas wara t-twelid tal-minuri ghajr allegazzjoni individwali liema allegazzjoni konvenjentement saret propju fl-istess gurnata li l-attrici telqet mir-residenza abbandunat il-minuri u baqghet sejra l-ghassa tordna li l-pulizija jgibulha t-tifla taghha ghaliex hi ppretendiet li

ghandha xi dritt sagrosanta li ccahhad lill-intimat missier ezemplari mit-tifla tieghu kapriccozament.

5. Illi l-allegazzjoni ta’ kontroll estrem u manipulazzjoni kwazi dittatorjali hija wahda invertiera li ma gietx sostanzjata bl-ebda farka ta’ prova u dan minhabba li hija msejsa fuq gidba ffabbrikata sabiex tiggustifika l-agir imbarazzanti tal-attrici li ghazlet li tabbanduna minuri ta’ ftit xhur biss aktar u aktar meta qed tallega li l-missier huwa vjolenti (meta qatt ma kien pprovat).

6. Illi importati li jinghad ukoll li l-esponenti dejjem ikollu ghajnuna minn familtu peress li jghixu fl-appartament taht il-*penthouse* tieghu sabiex ghalhekk dejjem ikun hemm xi hadd li jista jiehu hsieb it-tifla li fl-eta’ zghira taghha qatt ma tithalla wahedha. Tant hu hekk illi omm l-esponenti hija ghalliema gewwa skola edukattiva u ghalhekk tinsab aktar disposta taghti l-assistenza kollha necessarja sabiex il-minuri jkollha l-aqwa edukazzjoni. Illi l-esponenti anki sahansitra naqqas il-hinijiet tax-xoghol tieghu sabiex jkun jista jiehu hsieb il-minuri b`mod aktar holistiku.

7. Illi r-rikorrenti dejjem kellha relazzjoni tajba mal-genituri tal-esponenti li kien jghinuha bit-tifla anke meta kienet tkun id-dar waqt li l-esponenti jmur jahdem u dan kif ser jigi ppruvat permezz ta’ provi dokumentarji waqt is-smiegh tal-kawza.

8. Illi a kuntarju ghal dak li nqala’ mir-rikorrenti l-esponenti dejjem offra lir-rikorrenti lil binha u lil binthom l-ahjar hajja possibli mimlija mhabba u sapport tant li anke ghexu flimkien fid-dar tal-esponenti minghajr hlas jew kontributi finanzjarji fejn hu dejjem taghhom dak

kollu li kellhom bzonn waqt li l-familja kollha taghha kienu jghixu fid-dar f`isem ir-rikorrenti li tinsab il-Qrendi.

9. Illi wara li ntemmet ir-relazzjoni ta' bejniethom regghet marret tghix mal-familja kollha, ma' nies li zgur mhuwiex responsabbli bizzejjed li jrabbu tifla minuri u specjalment minhabba l-vizzji taghhom mhux risposta li qed jigi pprezentat anness u flimkien ma' dan ir-rikors.

10. Illi waqt il-familja tal-esponenti kollha nies li edukaw ruhhom matul hajjithom fuq in-naha l-ohra l-attrici ma baqghetx tattendi l-iskola regolarment minn eta' tenera u dan sabiex tassisti lil ommha fil-facendi fid-dar ghalhekk jinghad ukoll li hu l-attrici huwa bniedem li jabbuza mis-sustanzi u persuna li jezercita vjolenza domestika fuq il-partners tieghu kif ser jigi ppruvat waqt s-smiegh tal-kawza. Ghal darba ohra trobbija f`dan l-ambjent certament mhuwiex idoneju ghat-trobbija tal-minuri u jmur kontra kull interess li jista' jkollha l-minuri.

11. Illi dan kollu qieghed jinghad ghaliex l-esponenti umilment jhoss li din l-Onorabbli Qorti ghandha tkun taf il-fatti taz-zewg nahat sabiex jekk it-talbiet tar-rikorrenti jintlaqghu l-ambjent li ser tkun esposta ghalih binthom huwa wiehed inkwetanti u ghalhekk hu fl-ahjar interess tal-minuri tifla li tkompli tghix ma' missierha specjalment ghas-semplici raguni li qatt ma kien hemm problemi b`dan l-arrangament.

12. Illi dak li ntqal mir-rikorrenti tant mhuwiex veru li kien hu li wara x-xoghol *full-time*, imur id-dar issajjar, jisbarazza l-kcina, jipprepara t-tfal u jaghmel dak kollu li kien hemm bzonn fid-dar, bhal hasil ta'

hwejjeg tal-art u xiri tal-ikel, sabiex irabbi it-tifla bl-ahjar mod li jista' ghaliex jemmen li r-ragel irid jaghti ghajnuna fid-dar ukoll. Dan minkejja l-fatt li r-rikorrenti ma kienetx tahdem u ghalhekk kienu jghaddu minn fuq il-paga tieghu biss.

13. Illi wara li r-rikorrenti abbandunat lit-tifla minuri, l-esponenti kellu jnaqqas il-hinijiet tax-xoghol sabiex jiehu hsieb il-minuri li sussegwentement jispicca jaqla' inqas paga li biha ghandu bzonn jixtri dak kollu li hemm bzonn ghat-tifla wahdu.

14. Illi a kuntarju ghal dak li ntqal mir-rikorrenti kienet li hi ddecidiet titlaq mid-dar pero' minkejja dan, l-esponenti xorta wahda baqa' jaghmel sforz u jinkoragiha biex tara t-tifla taghha.

15. Illi l-esponenti dejjem ghamel hiltu kollha sabiex jiffacilita' l-access versu l-attrici dan skond d-direzzjoni tal-Qorti u d-Direttorat tat-Tfal u qatt ma prova jostakola jew itellef l-istess access tant illi anke accetta li jinbidlu l-hinijiet minhabba diffikultajiet li allegatament kellha l-attrici minkejja l-fatt li qatt ma kien obbligat li jaghmel dan.

16. Illi jinghad li l-attrici sahansitra ppruvat tiffroda lid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali tant li kienet tiehu r-relief, *childrens allowance* u beneficcji ohra tal-Gvern partikolarment ukoll mill-Awtorita' tad-Djar ghall-kera tad-dar fil-Qrendi, liema dar lanqas kienet qed tirrisjedi fih izda joqgohdu l-familja kollha taghha u dan sabiex jabbuzaw minn dawn is-sistema intizi li jghinu lil min verament hu fil-bzonn.

17. Illi fuq t-talba tal-*sleepovers* ma tirrisjedix gewwa propjeta' ideali minhabba l-fatt li jekk il-minuri tmur tghix ma' ommha ser tkun

qed torqod fl-istess kamra tas-sodda flimkien ma' ommha, it-tifel tar-rikorrenti, u cioe' huha kif ukoll kwalsiasi partner li jista' jkollha.

18. Illi l-esponenti jirrimarka li f`rikors promotur gie allegat li d-dikjarazzjonijiet kollha li saru mir-rikorrenti huma invertiera u dan minkejja l-fatt li **kull allegazzjoni li saret mill-esponenti giet provata u gustifikata permezz ta' provi dokumentarji** li gew ezebiti mar-rikorsi kollha precedenti u kien propju fuq l-istess prova li l-qorti dejjem awtorizzat li residenza tal-minuri tibqa' mal-missier.

19. Illi ma huwiex minnu li l-esponenti cahhad lil minuri milli tqatta' hin adegwat mal-attrici u dan tant huwa hekk li kien minn jeddu li accetta li jinqasam il-hin tal-guranta ta' gheluq snin il-minuri, kien hu minn jeddu li accetta li jinbidel il-hin tal-access minn dak degretat u dan minhabba impenji ulterjuri tal-attrici u kien hu wkoll minn jeddu li accetta li l-omm taghmel kuntratt mal-minuri diversi drabi kuljum u dan sabiex tkun informata f`kull hin gurnata fuq l-andament tal-minuri.

20. Illi l-idea ta' *co-parenting* u *sleepovers* hija wahda inkwetanti minhabba l-ambejnt tossiku li fih tghix l-attrici u dan specjalment meta wiehed jikkonsidra l-kumditajiet tal-ambjent paternali versu l-ambjent oppost li fih tghix l-omm. Illi wiehed ma jistax jinjora il-fatt li din l-Onorabbli Qorti kienet diga' ddecidiet fuq dan il-punt precedentement f`dawn l-ahhar sena u ftit xhur fejn il-Qorti ma kellhiex serhan il-mohh li l-*co-parenting* u *sleepovers* kienu possibli. Certament ma kienx hemm bdil fic-cirkustanzi li jimmerita din it-tip ta' bidla tant drastika.

Ghaldaqstant u in vista tas-suppost l-esponenti umilment jopponi ghall-ewwel u t-tieni talba tal-attrici fir-rikors taghha datat 23 ta' Jannar 2023 filwaqt, li jirremetti ruhu ghad-direzzjoni tal-qorti f`dak li ghandu x`jaqsam mat-tielet u r-raba' talba u cioe' fir-rigward ta' manteniment u okkazzjonijiet specjali.

Salv kull provvediment iehor xieraq u opportun.

Bl-ispejjez minn issa kontra l-attrici minn issa ingunta in subizzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Rat l-atti tal-medjazzjoni 1309/21.

**IKKUNSIDRAT:**

**<u>Fatti</u>**

1. L-attrici tghid li r-relazzjoni taghha mal-konvenut bdiet f'Settembru, 2020 u damu flimkien sa Novembru, 2021 u tghid li kellhom mumenti sbieh, pero' maz-zmien bdiet tinduna l-vera karattru tal-konvenut u kemm ma kinux kompatibbli ma' xulxin.

Tispjega li l-konvenut kien tip ta' bniedem puntilljuz, jargumenta fuq kollox u jara tieghu biss tajjeb. Kien anke ghamel karriera jghajjar u jimmalafama lill-familja taghha li jghixu fl-gherien u li midjunin, izda tinnega dan u tishaq li fis-semplicita' taghhom, il-genituri taghha qatt ma hallew lilha u lil huha nieqsa mix-xejn.

Peress li kienet tip ta' persuna li ma thobbx il-konfrontazzjoni, kienu jispiccaw jargumentaw hafna u dejjem irid li tghaddi tieghu u jekk kienet tipprova tikkontradih kien jispicca jghajjat u jsabbat quddiem it-tfal.

Wara ftit zmien li kienu ilhom johorgu flimkien, il-konvenut beda jaghmillha hafna pressjoni sabiex tmur tghix mieghu ghaliex kellu l-post tieghu. Riedet taccerta ruhha li l-affarijiet imorru tajjeb bejniethom qabel ma taghmel dan il-pass, izda meta mbaghad harget tqila iktar beda jaghmillha pressioni u cediet u marret tghix mieghu. Pero' ma ridix tbiddel l-indirizz fuq il-karta ta' identita' taghha u dan minhabba li kienet titlef il-beneficcji socjali u jkollu jerfa' l-piz wahdu.

Fil-fatt, wara li hassru minn ma' xulxin kienet irceviet mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali fejn avzawha li kienu ser jaqtghulha Eur. 7000 li thallsu zejda bhala beneficcji u kienet konvinta li dina ma kinitx kumbinazzjoni.

Tispjega li dak iz-zmien kienu qablu ukoll li jaqsmu l-ispejjes, pero' ttenni li l-konvenut ma kienx johrog minn Eur. 300 kull xahar u kien jara li jghaddu bihom.

Imbaghad il-konvenut beda jindahal kemm il-darba ghandha tnaddaf id-dar u kien jikkontrolla minn fejn kellha tixtri. Dejjem ridha tmur il-Lidl u Alla hares ikun jaf li xtrat minn x'imkien iehor.

Maz-zmien ukoll intebhet li beda jipprova jallontanaha mill-familja taghha u l-ftit li kienu jmorru jieklu ghandhom nhar ta' Hadd kien waqqfilha ukoll u kien jirranga minn wara daharha sabiex imorru ghand ommu li kienet toqghod tahthom. Bdiet tinduna li dawn il-manipulazzjonjiet kollha kienu qed ihallu effett fuq il-karattru taghha.

Il-karattru dittarorjali tal-konvenut kien qed ihalli impatt fuq iben l-attrici li kien twieled minn relazzjoni ohra. Kien spicca eziljat ghax il-konvenut oppona li n-neputija taghha tmur ghandhom.

Minhabba dawn ic-cirkostanzi kollha, l-attrici spiccat f'dilemma ghax minn parti wahda kienet qed thossha li ser jerga' jkollha relazzjoni li ser tfalli, imma fl-istess waqt ma setghetx tibqa' tghix mieghu fejn kien jikkmanda kollox hu u kien jittrattaha qisha tapit u certament ma riditx lit-tfal jaraw dan il-komportament.

Kien wara li kienu *picnic*, fejn il-konvenut beda jallega li l-attrici kienet tippreferi t-tifel li kellha minn relazzjoni precedenti milli t-tifla u kellha tiehu hsieb li tonfoq l-istess ammont ghar-rigal tal-Milied. Dan wassal ghall-argument shih bejniethom, tant li dak il-hin stess l-attrici kienet infurmatu li kienet ser ittemm ir-relazzjoni taghhom ghax ma felhitux izjed. Sakemm marru d-dar kienu telghu l-genituri tal-konvenut u keccewha mill-proprjeta' taghhom, flimkien ma' binha u hadulha lit-tifla.

Kien mar ghaliha huha u marret dritt ghand il-Pulizija, li nfurmawha li ma setghu jaghmlu xejn peress li ma kienx hemm digriet tal-Qorti u ghalhekk kienet marret hadet parir legali u bdiet bil-proceduri tal-medjazzjoni.

L-attrici tinsisti li minhabba l-gideb tal-konvenut giet mcahhda minn bintha u dawn il-gideb gew investigati mill-haddiema socjali u llum gie kkonfermat li mhuwiex minnu.

Tghid li l-konvenut kien ilu jippjana ghal dan il-pass, tant li kien hadilha rcevuta tal-kera tal-post fejn kienu joqoghdu l-ġenituri taghha u dan meta peress li kienet *single mother* kienu tawha parir sabiex il-kirja tkun irregistrata fuqha, filwaqt li l-membri tal-familja taghha jkunu ukoll indikati bhala persuni li jirrisjedu fil-kirja minhabba s-sussidju. Ghalhekk kuntrarjament ghal dak allegat mill-konvenut ma kien hemm xejn illegali.

Tinnega ukoll li hi u l-familja taghha kienu joqoqghdu go post zghir hafna, Il-fatt kien li kienu qed jirrangaw post u temporanjament kienu marru jghixu f'appartament zghir, imma llum marru jghixu fil-post il-gdid.

L-attrici qed tinsisti li l-kura u kustodja tibqa' wahda konguntiva, izda t-tifla ghandha tghix maghha u dan meta l-konvenut ikun xoghol u t-tifla tkun ma' familtu.

L-attrici tichad li l-familja taghha ghandhom problemi ta' drogi, jew vizzju tal-loghob jew xorb, kif qed jipprova jpingihom il-konvenut.

2. Andreana Gellel ghan-nom ta' Court Services, fid-Direttorat Ghall-Harsien tat-Tfal tispjega li f'Dicembru, 2021, kien inhareg digriet biex isir assessment tas-sitwazzjoni u tikkonferma li bdiet tahdem lejn l-ahhar ta' Dicembru, 2022 u f'April, 2022 kienet ipprezentat rapport il-Qorti dwar l-assessment taghha u sa April, 2023 kien waqaf ix-xoghol da parti tad-Dipartiment.

Tghid li kien hemm il-partijiet li kienu qed jaghmlu allegazzjonijiet kontra xulxin fejn il-missier kien ikkoncernat fuq il-hiliet tal-omm u l-membri tal-familja taghha u kellu bizat li t-tifla tkun wahedha ma' dina l-familja meta kienet ghadha zghira, Da parti taghha l-omm kellha l-biza li ser tigi maqtugha mill-hajja tat-tifla.

Tishaq li l-missier kien ghamel allegazzjonijiet li fil-familja tal-attrici kien hemm problemi ta' vizzji tal-loghob u xorb u anke tad-droga u ghalhekk tghid li kellha taghmel l-investigazzjonijiet, izda ma rrizultax li dawn il-persuni qatt ircevew xi ghajnuna fuq dawn id-diffikultajiet. Pero' tinsisti li ma setghu qatt jikkonfermaw dan u qatt ma sabu xejn, izda kienu ghamlu *spot checks* fid-dar tal-attrici sabiex jaraw jekk isibux lil xi hadd minnhom b'dawn id-diffikultajiet. Ghalhekk kellhom jimxu b'mod gradwali.

L-attrici nghatat access regolari matul il-gimgha ghal tlett darbiet u kienu jmorru ghall-gharrieda waqt l-access taghha u fil-weekend peress kien ikun hemm il-familja kollha, kienu jaghmlu *supervised access.* Il-konvenut kien baqa' kkoncernat peress li kien insista li kienu graw episodji ta' glied fil-presenza tieghu u dan ma kinux ta' beneficcju ghat-tifla.

Bhala Direttorat fil-bidu tammetti li kienu kkoncernati minhabba hafna dizgwid bejn il-partijiet, fejn il-missier kien ikun hafna attent ghat-tifla anke jekk jara xi tbengila kien irid ikun jaf minn fejn giet, pero' tghid li l-griehi li kien ikollha kienu normali u ma kien hemm xejn inkwetanti bhal li seta' kien hemm abbuz.

Tispjega li kellhom isiru s-*supervised access visits* fil-bidu peress li kien hemm certi allegazzjonijiet maghmula mill-missier li ma setghux jigu njorati u ghalhekk kellhom jimxu b'mod gradwali sakemm, gie determinat

li jekk kien hemm certi diffikultajiet li qalilhom il-konvenut, dawn ma kinux qed isiru fil-presenza tat-tifla u ghalhekk ma hassewx li kien ghad hemm bzonn tal-SAVs.

Dwar *sleepovers*, tammetti li kollox irid isir b'mod gradwali ukoll, izda da parti taghhom tghid li ma kien irrizultalhom xejn biex ma jkunx hemm *sleepovers*.

Kien hemm zmien fejn l-access kien qed isir *monitored*, izda mbaghad kienu waqfuh kompletament ghax ma kienx ghad hemm il-htiega.

Itteni ukoll li kellhom naqra problemi bil-konvenut ghaliex kien jahseb li hu biss il-genitur tat-tifla, izda maz-zmien beda jifhem u jaccetta certu affarijiet u beda jikkoopera maghhom. Biss, tispjega li peress li t-tifla ghadha zghira hafna, ma jistghux jaghmlu hafna tibdiliet drastici u momentarji. Il-partijiet bhala genituri tispjega, ghandhom jifhmu li ghalkemm hemm id-dmirijiet taghhom bhala genituri, l-ewwel iridu jharsu l-interessi tat-tifla.

3. Il-konvenut jikkonferma li ghall-bidu r-relazzjoni tieghu mal-attrici kienet sejra tajjeb, izda l-karattru taghha beda johrog meta nqabdet tqila fis-sena 2000. Minn dakinhar bdew l-intoppi da parti tal-genituri taghha, li kienu bdew jinsistu mieghu li kellu jaghmel mezz li jerfa' l-piz ta' familja u tat-tifel li kellha l-attrici minn relazzjoni precedenti ghax sabiex ighixu komdi ghandhom bzonn hafna flus.

Peress li kienu jafu li l-genituri tieghu kellhom diversi proprjetajiet u kienu ser ighaddu wiehed minnhom lill-konvenut, bdew jinsistu mieghu li malli l-genituri tieghu jiktbulu l-post f'ismu, kellu jitkeb nofsha fuq G.

Ghall-kuntrarju jghid li meta l-genituri tieghu kienu saru jafu li l-attrici kienet harget tqila, kienu offrewlhom biex jaghzlu proprjeta' milli kellhom u l-attrici ghazlet li jmorru joqoghdu fil-penthouse li kien hemm fil-blokk ta' appartamenti fejn kienu jghixu l-genituri tieghu, kif ukoll ohtu.

Jispjega li hu beda jiffinanzja l-f*inishings* sabiex ilestu dan il-*penthouse*. L-attrici ammettiet mieghu li ma setghetx thallas peress li ma kinitx tahdem. Izid ighid li xi erba' gimghat wara li saret taf li kienet tqila, kienet qaltlu li l-genituri taghha kienu qed isibuha finanzjarjament difficli sabiex izommuha toqghod maghhom, tant li f'Novembru, 2020, l-attrici, flimkien ma' binha marru jghixu mal-genituri tal-konvenut.

Sadanittant, missieru kien jahdem u jistinka sabiex ilestilhom il-penthouse. Huwa f'dan iz-zmien li l-konvenut sar jaf li l-genituri tal-attrici ghandhom vizzju kbir tal-loghob tal-azzard u kien ghalhekk li kienu qed isibuha difficli sabiex izommu lill-attrici d-dar maghhom.

Il-konvenut jishaq li l-attrici dejjem kellha l-mira li ma' kull guvni li kienet tohrog mieghu jkollha tarbija sabiex ma tahdimx u tghix mill-beneficcji socjali u l-manteniment tal-missirijiet, tant hu hekk li kellha t-tifel Z minn relazzjoni precedenti, K, mir-relazzjoni mieghu u issa qiedgha f'relazzjoni ohra u qed tistenna tarbija ohra.

Minn Jannar 2021, il-genituri tal-attrici bdew jaghmlulu hafna pressjoni sabiex jinsisti mal-genituri tieghu sabiex jiktbulu l-*penthouse* u flat iehor fuq ismu, u sussegwentement ghandu jghaddi nofshom lill-attrici. Bdew jippruvaw ukoll iqanqlu suspetti fuq il-genituri tieghu, li jafu jingannawh u jhallu kollox lil ohtu.

Itenni li apparti li l-genituri tal-attrici ghandhom il-vizzju tal-loghob, missierha kien jixrob ukoll. Huh MP ukoll kellu vizzju tad-droga u meta kien ikun taht l-effett tad-droga kien anke jsir vjolenti, tant li kien hemm drabi fejn kien habat ghall-ommu. Kien hemm darba fejn kien anke habat ghall-ex tfajla tieghu SB u pprezenta recordings taghha fejn ammettiet minn xiex kienet ghaddiet, kif ukoll meta saret taf minghand l-attrici u l-familja taghha li kienet inkluza fil-lista tax-xhieda.

Sakemm kien qed ilesti l-*penthouse*, kien hemm hafna ndhil da parti ta' omm l-attrici li riedet tindahal f'kollox. Bhal per ezempju fl-ghazla tal-madum u kien ihallihom sabiex izomm il-kwiet u l-ambjent ikun dak li ghogob lill-attrici.

Jispjega li meta l-penthouse kienet kwazi lesta ghall-habta ta' April, 2021, l-attrici bdiet tinsisti mieghu li ghandhom ikomplu jghixu mal-genituri tieghu u l-familja taghha jmorru jghixu fil-*penthouse*, izda kien oppona ghaliex ried li jidhlu u jibdew familja. Meta omm l-attrici saret taf li kien qed jopponi, bdiet tinsisti li jmorru ighixu maghhom, izda rrifjuta ukoll u minn dakinhar omm l-attrici ma waqfitx ixewwex lill-attrici sabiex ma taghmel xejn fil-post, la tindif u ma ssajjarx gialadarba l-post ma kienx taghha u sakemm il-konvenut ma jiktbilix sehemha. L-attrici kienet tisma' minn ommha u kienet taghmel mill-inqas fil-post u tghaddi l-hin tara n-Netflix.

Izid ighid li kien induna li l-attrici bdiet taghmel tajjeb sabiex il-genituri taghha jibqghu jikru minhabba li hija kienet tiehu beneficcju tas-sussidju fuq il-kera fuq ir-residenza peress li kienet *single mother*, fejn kienu jirrisjedu l-genituri taghha, minkejja li l-attrici ma kinitx toqghod hemm.

Il-konvenut jispjega li dejjem ghamel hiltu sabiex jiehu hsieb lill-familja tieghu u anke t-tifel tal-attrici, kien jittrattah daqs li kieku kien ibnu. Kien anke jghin lill-genituri tal-attrici jekk kien hemm bzonn. Kien anke jghin hafna bit-tifla wara li twieldet u kien anke jqum bil-lejl sabiex itiha l-*bottle* u jbiddel in-*nappies* u dan peress li l-attrici kienet tghidlu li ma kinitx kapaci tqum bil-lejl sabiex tiehu hsiebha.

Ighid ukoll li l-attrici kif ukoll il-familjari taghha bdew jippruvaw jikkonvincuh sabiex ma jirrikonoxxix lit-tifla sabiex l-attrici tkun intitolata li tircievi iktar beneficcji, izda l-konvenut jispjega li rrifjuta u kien kburi bit-tifla u ried jerfa' r-responsabbilitajiet tieghu.

Kien xtara karozza lill-attrici sabiex tkun tista' twassal lill-genituri taghha fejn kien hemm bzonn u dan juri kif dejjem ried ighin, izda bdiet tgerger peress li l-vettura ma kellhiex *air conditioner* u insistiet li jaghtiha tieghu u hekk kellu jaghmel. Omm l-attrici ghal darb'ohra bdiet tghajjru ghaliex ma riedx jikteb il-karozza fuq isem l-attrici.

Il-konvenut jilmenta ukoll li kellhom nuqqas ta' privatezza d-dar ghaliex kuljum mis-6 pm 'l hemm il-genituri tal-attrici u huha kienu jmorru ghandhom u jieklu u jixorbu minn fuq daru, filwaqt li l-genituri tieghu bil-prudenza kollha rari kienu jmorru ghandhom.

Kien fl-14 ta' Novembru, 2021, meta wara li kienu marru *picnic* wahedhom bit-tfal, l-attrici bdiet tghidlu li riedet *break* jekk kemm il-darba ma kienx dispost li jiktbilha nofs l-*penthouse* ghaliex kellha bzonn tghin lill-genituri taghha. Peress li pprova jfehmha li ma kienx f'posizzjoni li jaghmel dan sakemm jizzewwgu, rrifjutat u avzatu li ser titlaq u kienet ser thallilu lit-tifla peress li ma setghetx tmur lura ghand il-genituri taghha b'zewgt itfal.

Ftit wara kien gie hu l-attrici u telqet mieghu. Jammetti li kien hadha bil-kbira u ghamel minn kollox sabiex isalva r-relazzjoni, izda l-attrici nsistiet li kienu ser jitkellmu tramite l-avukati rispettivi taghhom u ghalhekk spiccaw b'dawn il-proceduri.

Ftit wara li telqet mid-dar, l-attrici kienet marret taghmel rapport mal-Pulizija li huwa vjolenti u ppruvat tiehu lill-minuri K , izda kienet il-Qorti li kienet ordnat li l-minuri ghandha tibqa' tghix mal-konvenut. Jispjega li meta l-attrici kienet telqet kienet hadet xi €600 maghha li kienet qalghet it-tifla mill-Maghmudija. Kienet anke hadet xi dehebijiet li kienet irceviet it-tifla fil-Maghmudija. Kienet marret ghal xi mhadded u kien insista maghha sabiex tirritorna dawn l-affarijiet, izda kienet gabet id-dehebijiet, izda mhux il-flus li xtaq ifaddalhomlha.

Illum il-konvenut ighid li jiddedika hajtu ghat-tifla, bl-ghajnuna tal-familjari tieghu u dejjem ihares l-interessi taghha. Ommu hija ghalliema u ghalhekk tghin hafna ukoll fl-aspett edukattiv tat-tifla. Fil-fatt, ighid li ddecieda li jibghatha skola privata St.Catherine's High School u qieghed ukoll ifaddlilha l-flus sabiex fil-futur tkun tista' tkompli fit-triq taghha.

Ghalhekk jinsisti li t-tifla ghandha tibqa' fil-kura u kustodja tieghu peress li jista' joffrilha hajja ahjar milli tghix minn fuq beneficcji socjali.

4. **MM** ghan-nom tal-SAV services tispjega li f'dan il-kaz kienet involuta fl-SAVs u kienet anke involuta meta jigu kkancellati l-vizti. Tghid li l-access ghall-bidu kien isir l-Appogg u kienet tosserva li l-omm kienet tigi ppreparata hafna biex tghaddi l-hin mat-tifla u kienet anke tilghab maghha. Bejn it-18 ta' Mejju, sat-18 ta' Novembru, l-access beda jsir bil-*monitoring* minflok fid-dar tal-attrici. Tikkonferma li kien hemm interazzjoni tajba bejn

it-tifla u l-attrici u anke mal-familjari taghha peress li dawn kienu jkunu prezenti fid-dar mal-attrici.

Tishaq li ma kienx hemm xejn partikolari li kien igieghlha tinkwieta tant li kien ahjar li ma jsirux *sleepovers* jew access mizjed fir-residenza tal-omm.

Tikkonferma li l-attrici kellha skills tajbin u tippjana kif suppost bhala omm, bhal li taghti lit-tifla tiekol meta jkun sarilha l-hin.

Tikkonferma ukoll li kien hemm zieda fil-hinijiet ta' access wara Mejju.

5. **CF** ghan-nom tal-SAVs tikkonferma li kienet segwit l-SAVs tal-minuri mal-attrici u dejjem rat affarijiet posittivi, bl-attrici tigi ppreparata bl-ikel u gugarelli. Dawn kienu jsiru bejn Gunju, 2022 u Ottubru, 2022 u l-familja tal-attrici kienu ghadhom dehlin go dan l-appartament u kienu ghadhom qed jarmaw il-post.

Dwar it-tifla waqt l-access jikkonferma li dejjem ratha komda, kuntenta u ma kien hemm xejn negattiv. Ikkonfermat ukoll li kien hemm diversi nies familjari tal-attrici li kienu jghixu fl-istess post.

5. FD ghan-nom tal-SAVs u tahdem bhala social support professional. Segwit dan il-kaz sakemm waqfu l-access taht supervizjoni. Kienet anke segwit il-*monitoring* u kienet dejjem rat lit-tifla kuntenta u toqghod hafna mal-attrici u nannitha.

**7.** VG ghan-nom tas-Servizzi tal-Ilma pprezentat l-ittra tal-bidu tal-impjieg tal-konvenut u kopja tal-ahhar payslip u informazzjoni dwar

is-shift tal-konvenut u jahdem fuq bazi *reduced hours* u bhala average jahdem xi 30 siegha u dan sa mit-13 ta' Gunju, 2022.[1] Tghid li kif jidher mill-*file* tieghu qabel kien jahdem *full-time*.

8. **M P** hu l-attrici jikkonferma li kien habib ta' oht il-konvenut u kien jiccatja maghha fuq il-mobile u kienu jiccajtaw gof u jekk kienu semmew id-droga, mhux ghax kellu dan il-vizzju, izda biex jiccajtaw.

Jinnega li kien telaq mix-xoghol ta' LSE peress li kien rega' ried jahdem fl-avjazzjoni u li gie mkecci minhabba abbuz fuq it-tfal.

Jikkonferma li fir-residenza taghhom ighixu hamsa minn nies u kulhadd ghandu l-kamra tas-sodda tieghu, pero' mhux kull kamra ghad ghandha bibien.

9. **Johanna Bartolo** ghan-nom tal-Bank of Valletta plc tikkonferma li mir-ricerka li ghamlet f'isem l-attrici rrizultaw tlett kontijiet bankarji u dan mis-sena 2018 sallum:-

i) Savings account 4001804 48797 li ghadu attiv[2]
ii) Savings account 400197193157 li ghadu attiv[3]
iii) Savings account 40025273407 li ghadu attiv.[4]

Tikkonferma ukoll li jirrizulta li hemm kont kongunt f'isem l-attrici u DF numru 40024956006 li ghadu miftuh.[5]

---

[1] Dok. VG 1
[2] Doks. JB 1
[3] Doks. JB 2
[4] Dok. JB 3
[5] Dok. JB 4

F'isem il-konvenut tikkonferma li jirrizultaw li hemm tlett kontijiet bankarji:-

i) Savings account 40021803644 li ghadu miftuh[6]

ii) Motor loan 40025102325 li nghalaq fi Frar, 2019[7]

iii) Motor loan 40025701357 li ghadu miftuh.[8]

Tikkonferma ukoll li f'isem l-attrici jirrizulta li hemm insurance mixtrija mill-Bank of Valletta bhala Agent tal-MSV Life bil-policy number FP 530987 li tkopri l-hajja taghha, kif ukoll kien hemm shares mixtrijin taht IL-VFM .

F'isem il-konvenut ukoll jirrizultaw shares mixtrijin taht il-VFN taht ir-referenza 211029.

**10.** **Saviour Theuma** ghan-nom tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali pprezenta dokumentazzjoni rigward beneficcji li kien jircievi l-konvenut,[9] kif ukoll dawk li jirrigwarda l-attrici.[10]

**11.** **Maria Barbara** ghan-nom ta' Dragonara Gaming Limited maghrufa bhala d-Dragonara casino tikkonferma li mir-rekords taghhom jirrizulta li kien hemm I sive NP u CP bhala klijenti taghhom.

Iktar tard ipprezentat il-profiles taghhom u l-player activity taghhom mill-ewwel darba li gew sal-ahhar visit.[11] Mill-istess dokumenti jirrizulta kemm il-persuna tkun iddepositat flus sabiex tilghab u hemm ukoll il-*cash out*,

[6] Dok. JB 5
[7] Dok. JB 6
[8] Dok. JB 7
[9] Dok. ST 1
[10] Dok. ST 2
[11] Doks. MB 1 – MB 3

jigifieri kemm gibed flus il-klijent f'idejh. Imbaghad hemm informazzjoni jekk rebahx jew tilifx u l-ammonti huma komplessivi.

12. **Louis Buhagiar** ghan-nom ta' Jobs Plus ipprezentat l-employment history tal-attrici.[12]

13. **PP** ghan-nom ta' Tumas Gaming u tirrapprezenta Casino Portomaso, Casino Oracle u mir-ricerki taghhom ipprezentat informazzjoni dwar IP , CP u GP u l-ammonti li kienu jilghabu bejn 2008 u 2024.[13]

14. **Saviour Theuma** ghan-nom tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali jikkonferma li l-attrici bdiet tircievi beneficcji socjali sa mis-sena 2013, mibaghad mill-2017 sallum.[14]

15. **JBG** fil-kapacita' taghha ta' sid ta' Bright Stars Child Care tikkonferma li t-tifla tal-partijiet K bdiet tattendi c-childcare fl-1 ta' Awissu, 2023 u spiccat f'Settembru, 2024 ghax bdiet tattendi l-Kinder.

Tikkonferma li qatt ma kellha problemi bit-tifla u qatt ma kien hemm il-htiega sabiex tibghat ghall-genituri. Tikkonferma li t-tifla kienet tattendi regolarment u ghall-bidu kienet tmur darba fil-gimgha, imma eventwalment kienet tmur tlett darbiet fil-gimgha.

[12] Dok. LB 1
[13] Dok. PP 1
[14] Dok. ST 1

16. **AF** omm il-konvenut tikkonferma li ftit wara li binha kien qallha li qed johrog mal-attrici kien qallha li qed tistenna tarbija minghandu. Dan kien ghall-habta ta' Settembru, 2020 u f'Novembru, tal-istess sena kienet marret tghix maghhom, flimkien mat-tifel taghha Z peress li kienu qed ikunu ta' piz fuq il-familja tal-attrici.

Sabiex ikunu iktar komdi kienu offrewlhom *penthouse* li kellhom fl-istess blokka fejn kienu joqoghdu, jew appartament iehor u l-attrici ppreferit il-*penthouse*. Ghalhekk tispjega li zewgha mill-ewwel beda jlesti l-*finishes* ghaliex il-post kien ghadu *shell*, u l-konvenut beda jaghmel l-ispejjes ghal dawn il-*finishes*.

Tikkonferma li kif dina l-*penthouse* kienet lesta, l-attrici ma xtaqitx tmur tghix hemm, sabiex huma jibqghu jghixu maghhom u dan sabiex il-genituri taghha u huha jmorru joqoghdu hemm sabiex jiffrankaw il-kera. Tghid li l-konvenut oggezzjona ghal dan ghax ried li jmorru jghixu bhala familja. Imbaghad, l-attrici regghet harget bl-idea sabiex il-familja taghha jmorru jghixu maghhom, izda ghal darb'ohra l-konvenut oggezzjona. Fl-ahhar il-partijiet marru jghixu fil-*penthouse*.

Tispjega li kemm jista' jkun kienu jghinuhom bl-ahjar mod u kienet anke tinkoragixxi lill-attrici li tistudja ftit peress li kienet telqet mill-iskola meta kellha tlettax-il sena u dan sabiex issib l-impjieg u ma toqghodx tiddependi mill-beneficcji tas-sigurta' socjali. Kienet anke rrangatilha sabiex it-tifel jibda jattendi l-iskola tal-Imqabba fejn kienet tahdem bhala ghalliema sabiex tiehdu u ggibu lura maghha.

Kien fl-14 ta' Novembru, meta t-tifla kienet ghalqet hames snin u l-partijiet marru picnic flimkien mat-tfal u wara li waslu l-konvenut kien mar

jinfurmahom li l-attrici riedet tiehu brejk gialdarba rrifjuta li jghaddilha nofs l-appartament fuq isimiha jew fuq it-tifel. Dwar it-tifla kienet qaltlu li seta' jzommha mieghu ghaliex ma setghetx tmur lura ghand il-genituri bil-piz ta' zewgt itfal.

Tghid li l-konvenut kien ha dina s-separazzjoni bil-kbira hafna u kien ipprova jikkonvinci lill-attrici biex tmur lura, izda kienet dejjem tghidlu li jitkellmu biss tramite l-avukati u lanqas kienet tmur tara lit-tifla. Minn dakinhar tispjega li l-konvenut beda jiddedika l-hin tieghu ghal bintu u jahdem bi *flexible u reduced hours* u hi bhala nannitha li ghandha Masters fil-*childhood studies*, tghin fl-edukazzjoni tat-tifla. Tghid li tahdem ukoll fil-qasam ta' *learning support* u niehu hsieb tfal li gejjin minn familji bi problemi ta' drogi jew tal-loghob tal-azzard.

Tghid li l-konvenut iddecieda li jibghat lit-tifla skola privata St.Catherine's High School u jhallsilha kollox u anke fetah kont fejn jiddepositalha l-flus fejn ghandha iktar minn €9000.

## Konsiderazzjonijiet

## Kura u Kustodja

Illi huwa ritenut fil-gurisprudenza taghna li f'decizjonijiet li jirrigwardaw minuri bhal dawn ghandu jipprevali fuq kollox l-aqwa interess tal-minuri. Infatti, fil-kawza fl-ismijiet **M. Bonnici vs Onor J. Raynaud**[15] gie dikjarat li: ***"Il-principju li ghandu jipprimeggja, meta l-Qorti tigi biex taghti provvediment dwar il-kura tat-tfal huwa dak li huwa suggerit mill-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantagg ghall-interess tal-istess tfal,"*** kif ukoll ghall-kawza fl-ismijiet **Dr. V. Randon vs J. Randon u Scifo**

[15] ***Deciza 25/06/2003 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili Ċitazz Numru2668/1996/2RCP***

**Diamantino vs M. Scifo Diamantino** fejn gie ritenut li ***"r-regola generali f'din il-materja hi l-ahjar interess u vantagg tat-tfa****l*".

Fil-kawza **Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli**[16] intqal:

"***Jinghad illi l-kura tat-tfal komuni [tal-mizzewgin], sew fil-ligi antika u sew fil-ligi vigenti, kif ukoll fil-gurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-principju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantagg ghall-interess tal-istess tfal li c-cirkustanzi tal-kaz u l-koefficjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuggerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enuncjata ghandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewgin meta jisseparaw ruhhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment."***

Illi huwa ritenut fil-gurisprudenza taghna li f'decizjonijiet li jirrigwardaw minuri bhal dawn ghandu jipprevali fuq kollox l-aqwa interess tal-minuri. Infatti, fil-kawza fl-ismijiet **M. Bonnici vs Onor J. Raynaud**[17] gie dikjarat li: ***"Il-principju li ghandu jipprimeggja, meta l-Qorti tigi biex taghti provvediment dwar il-kura tat-tfal huwa dak li huwa suggerit mill-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantagg ghall-interess tal-istess tfal,"*** kif ukoll ghall-kawza fl-ismijiet **Dr. V. Randon vs J. Randon u Scifo Diamantino vs M. Scifo Diamantino** fejn gie ritenut li ***"r-regola generali f'din il-materja hi l-ahjar interess u vantagg tat-tfa****l*".

---

16 . ***Rik.Gen.Nru.:571/2021JPG***

17 ***Deciza 25/06/2003 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili Ċitazz Numru2668/1996/2RCP***

Fil-kawza **Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli**[18] intqal: "***Jinghad illi l-kura tat-tfal komuni [tal-mizzewgin], sew fil-ligi antika u sew fil-ligi vigenti, kif ukoll fil-gurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-principju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantagg ghall-interess tal-istess tfal li c-cirkustanzi tal-kaz u l-koefficjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuggerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enuncjata ghandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewgin meta jisseparaw ruhhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment."***

Kif dawn is-sentenzi jindikaw fuq decizjonijiet li jirrigwardaw il-kura u kustodja tal-minuri l-Qorti dejjem ser thares lejn l-interessi tal-minuri, irrispettivament mill-interessi tal-genituri.

Prezentement il-partijiet ghandhom kura u kustodja tal-minuri K kongunta, b'dana pero' li tghix mal-konvenut missierha. L-attrici qed tinsisti li t-tifla ghandha tmur tghix maghha, izda l-konvenut qed jopponi ghall-istess u jaghmel allegazzjonijiet li peress l-attrici tghix mal-genituri taghha, mhux ambjent san ghall-minuri. Jallega li l-genituri tal-attrici ghandhom il-vizzju tal-loghob tal-azzard u huh l-attrici kien jabbuza mid-droga u alkohol, kif ukoll missier l-attrici kien sakranazz.

Il-konvenut ukoll kien preokkupat minhabba l-fatt li l-familja tal-attrici u l-attrici kienu joqoqghdu f'appartament bil-kiri li kien zghir hafna sabiex jakkomoda dawn in-nies kollha.

---

18 ***. Rik.Gen.Nru.:571/2021JPG***

Fir-rapporti taghha Andreana Gellel, in rapprezentanza tal-Agenzija Appogg spjegat li fir-rakkommandazzjonijiet taghhom kienu hadu konjizzjoni tal-allegazzjonijiet maghmula mill-konvenut, pero' mill-investigazzjonjiet li ghamlu ma rrizultax li kien qatt hemm kuntatt tal-genituri u huh l-attrici mas-Sedqa dwar xi vizzji tal-loghob jew xorb. Madanakollu, spjegat li ma setghux jiehdu dawn l-allegazzjonijiet b'mod legger u zammew l-access tal-minuri mal-attrici bil-moniteragg u kemm il-darba marru ghal gharrieda sabiex jarawhom fl-ambjent taghhom mal-minuri.

Gellel irrilevat ukoll li kienu anke assessjaw l-appartament tal-familja tal-attrici u ghalkemm kienu nfurmaw li kienu xtraw appartament qatt ma rawh jew ressqu xi provi ta' dan l-akkwist.

Maz-zmien Gellel tammetti li ma kienx ghad hemm bzonn ta' moniteragg peress li r-relazzjoni bejn l-attrici u bintha kienet tajba u inoltre, kienu rnexxielhom ifehmu lill-konvenut li hu ma kienx l-uniku genitur u kien jehtieg li jaghti spazju lill-attrici li hija l-omm.

Ghandu jigi rilevat ukoll minn dina l-Qorti li meta l-attrici ddecidiet li titlaq lill-konvenut peress li ma riedx jiktbilha nofs il-p*enthouse* fejn kienu jghixu, kienet ghazla taghha li t-tifla minuri K  tibqa' tghix mal-konvenut peress li ammettiet li l-genituri taghha ma felhux ghall-piz ta' wild iehor ighixu maghhom.

Il-konvenut ipproduca provi fejn jirrizulta li certament hemm vizzju ta' loghob specjalment da parti ta' omm l-attrici  IP ,  fejn ir-rapprezentant ta' Tumas Gaming ressaq l-*gaming activity* taghha minn fejn jirrizulta li bejn

is-snin 2008 sa 2024, laghbet is-somma totali ta' €226,027,[19] Zewgha CP kien laghab is-somma ta' €18,260.[20] Dawn oltre l-ammonti li laghbu d-Dragonara Casino. Bejn 2010 u 2024, IP laghbet is-somma totali ta' €136,125.[21]

Filwaqt, fil-konfront tal-attrici jirrizulta li l-vizzju ma kienx hemm ghax id-drabi li marret huma ftit hafna.

Dwar l-allegazzjoni tal-konvenut li hu l-attrici kien jixrob u jabbuza mid-droga, il-konvenut ibbaza l-allegazzjoni tieghu fuq messaggi li kien hemm bejnu u oht il-konvenut. Il-Qorti thoss li ma tistax tikkonkludi li kien hemm xi problemi ta' drogi jew xi vizzju ta' xorb, ghax apparti li dawn il-messaggi huma l-unici provi li tressqu u certament mhumiex sufficjenti u konvincenti.

Jista' jaghti l-kaz li l-attrici, konsapevoli tal-vizzji tal-genituri taghha hasset li kien fl-interess ta' bintha li tibqa' ma' missierha. Gew prodotti diversi skambjamenti bejn l-attrici u l-genituri tal-konvenut fejn jirrizulta li kienet thobbhom u tirrespettahom peress li kienu jaghmlu hafna maghhom. Fl-istess waqt, l-attrici kienet assoggettata ghal hafna pressjoni mill-genituri taghha sabiex il-konvenut jiktibilha nofs l-*penthouse* li kienu tawhom il-genituri tieghu u fejn raw li mhux ha jirnexxilhom, bdew jinsistu li jmorru jghixu maghhom. Huwa ovvju li l-genituri tal-attrici kienu nqabbdu fil-vizzju tal-loghob u kienu jevitaw li jkollhom proprjeta' taghhom, ghalkemm l-attrici tikkonferma li llum qed ighix fl-appartament li lestew.

[19] A fol. 243 DOC PP 1
[20] Dok. PP2 a fol. 247
[21] A fol. 257

Il-familja tal-konvenut, mill-banda l-ohra toffri iktar sens ta' stabbilita' fejn hemm sens ta' ghaqda, omm il-konvenut hija ghalliema u tiddedika l-hin taghha sabiex teduka lill-minuri K fl-istess mod u kienet anke hegget lill-attrici sabiex tkompli l-iskola ghaliex il-genituri kienu waqfuha meta kellha tlettax-il sena. Inoltre, il-konvenut kitibha f'skola privata ta' St.Catherine's High School u kien anke beda jwarrbilha l-flus ftit ftit.

Huwa evidenti li hemm differenzi kontrastanti bejn it-trobbija tal-attrici u dak tal-konvenut u ghalkemm dina l-Qorti mhix qiedgha hawn biex tiggudika l-mod kif trabbew mill-genituri taghhom, izda huwa d-dmir taghha li tgharraf liema trobbija tista' tkun fl-ahjar interess tal-minuri.

Illum li l-minuri Katrina tghix ma' missierha u n-nanniet paterni jirrizulta li dan huwa ambjent san, fejn il-minuri ha tibda tattendi l-iskola, hemm nannintha li tghinha sabiex tiggarantilha edukazzjoni tajba, fejn anke l-konvenut huwa dispost jaghmel is-sagrificcji u jhallsilha skola privata, oltre li bl-ghaqal kollu kull tant zmien iwarrab somma flus ghall-futur tal-minuri.

Huwa dan l-ambjent ta' stabbilita', ambjent fejn hemm direzzjoni u d-dinja taghhom tirrivolvi madwar il-minuri, huwa garanzija ta' hajja ahjar ghall-minuri, meta kkomparat ma' hajja, fejn hemm hela sostanzjali ta' flus fuq loghob il-casino u fejn fuq kollox (u dan jippreokkupa l-Qorti) l-edukazzjoni ma tinghatax priorita'.

Ghaldaqstant, dina l-Qorti tikkonferma li l-kura u kustodja ghandha tibqa' wahda kongunta, in kwantu jirrigwarda decizionijiet rigward l-edukazzjoni u sahha tal-minuri, filwaqt li l-minuri K ghandha tibqa' tirrisjedi mal-konvenut.

**Access**

Kif diga' dina l-Qorti accennat, ghal bidu minhabba l-allegazzjonijiet tal-konvenut, l-access tal-attrici ghall-minuri kien taht supervizjoni. Sussegwentement, meta mill-investigazzjonijiet tal-Agenzija Appogg ma rrizultawlhomx, kienu bdew isegwu sistema ta' access *monitored*, sabiex jilhqu jkunu konvinti li ma kienx hemm ragunijiet li setghu jzommu access taht supervizjoni.

Andreana Gellel, ikkonfermat li kien hemm mument fejn iddecidew li jwaqqfu l-access *monitored* ukoll peress li kien jidher li ma kienx hemm xejn li seta' jippregudika l-minuri, kif ukoll ma kienx ghad hemm il-htiega sabiex ikun hemm il-presenza taghhom.

L-Agenzija Appogg kienet inoltre rrakkomandat li l-access ta' matul il-gimgha jkollu *handing over* li jsir quddiem l-ghassa taz-Zurrieq sabiex ma jkunx hemm diffikultajiet jew konfrontazzjoni bla bzonn.

B'digriet taghha tal-5 ta' Ottubru, 2023, dina l-Qorti, filwaqt li kkonfermat l-access li kien gie rrakkomandat mill-Agenzija Appogg, u cioe' kull nhar ta' Tlieta u Hamis mit-3.30 pm sas-6.30 pm b'dan illi l-*handover* jkompli jsehh fid-dintorni tal-Ghassa tal-Pulizija taz-Zurrieq, ordnat ukoll li l-access jizdied billi fit-tmiem il-gimgha l-istess access jigi ezercitat nhar ta' Sibt u Hadd b'mod alternat, meta ma tkunx xoghol mill-10 am sat-8 pm.

Sussegwentement, fis-seduta tal-14 ta' Novembru, 2023, il-partijiet qablu li l-minuri jkollha *sleepover* gewwa r-residenza tal-omm u f'sodda

indipendenti b'mod alternat mill-Gimgha ghas-Sibt u mis-Sibt ghall-Hadd mill-17 hrs sal- 17 hrs.

Rega' kien hemm varjazzjoni fid-digriet, b'digriet iehor li harget dina l-Qorti fil-25 ta' Jannar, 2024, fejn ordnat li dwar il-*pick up* u *drop off*, l-attrici ghandha tigbor it-tifla mir-residenza tal-konvenut fil-bidu tal-access, filwaqt li l-konvenut jigbor it-tifla mir-residenza taghha fl-ahhar tal-access.[22]

Fil-mori tal-proceduri jirrizulta li dan it-tip ta' arrangjament bejn il-partijiet qed jahdem u ma jirrizultax li mill-ahhar digriet kien hemm xi ilmenti, ghajr li rega' kien hemm insistenza sabiex id-*drop off u pick up* dejjem isiru fil-vicinanzi tal-ghassa taz-Zurrieq u fil-fatt bid-digriet taghha tal-25 ta' Jannar, 2024 gie kkonfermat li ghall-access l-attrici tigbor it-tifla mir-residenza tal-konvenut fil-bidu tal-access u l-konvenut jigbor lit-tifla mir-residenza tal-attrici fl-ahhar tal-access.

Ghaldaqstant, dina l-Qorti tikkonferma l-access ghandu jigi ezercitat fis-segwenti granet:-

i) kull nhar ta' Tlieta u Hamis mit-3.30 pm sas-6.30 pm;

ii) il-minuri jkollha sleepover gewwa r-residenza tal-omm u f'sodda indipendenti b'mod alternat mill-Gimgha ghas-Sibt u mis-Sibt ghall-Hadd mill-17 hrs sal- 17 hrs.

---

[22] A fol. 201

iii) ghall-access l-attrici tigbor it-tifla mir-residenza tal-konvenut fil-bidu tal-access u l-konvneut jigbor lit-tifla mir-residenza tal-attrici fl-ahhar tal-access.

**Manteniment**

Il-manteniment ghall-minuri dejjem ghandu jigi kkalkolat skond il-mezzi tal-genitur li minn ghandu qed jintalab il-manteniment, kif ukoll il-bzonnijiet tal-genitur li qed jitlob manteniment.

Skond dina s-sentenza ghalkemm il-kura u kustodja ghandha tibqa' wahda kongunta, ir-residenza tal-minuri ghandha tkun mal-konvenut.

Skond digriet tal-5 ta' Awissu, 2022 dina l-Qorti ordnat illi l-attrici ghandha tghaddi manteniment fis-somma ta' €200 fix-xahar ghall-minuri K, liema somma tinkludi nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha.[23]

Illum l-attrici tahdem mal-G4S Security Services (Malta) Ltd. Fuq bazi full-time u sal-ahhar tas-sena 2022, l-attrici kienet tircievi beneficcji socjali, Il-konvenut da parti tieghu, jahdem mal-Water Services Corporation fejn ghandu paga ta' cirka €1341 fix-xahar u dan peress li jahdem b'*reduced hours*.[24] Kien jispetta lill-konvenut sabiex iressaq lill-*employer* tal-attrici sabiex jikkonferma l-introjtu tal-attrici.

[23] A fol. 26 tal-process
[24] A fol. 130 tal-process

Ghandu jigi rilevat ukoll li l-konvenut iddecieda li jrid jibghat lit-tifla K fi skola privata u giet irregistrata fl-iskola ta' St. Catherine's High School, fejn l-konvenut donnu ta l-impressjoni li dina hija ghazla tieghu u dispost li jerfa' dan il-piz peress li jaraha bhala investiment fl-edukazzjoni ta' bintu.

Tenut kont tal-fatt, li ma tressqux provi dwar l-introjtu preciz tal-attrici l-Qorti ser tikkonferma d-digriet taghha tal-5 ta' Awissu, 2022 u tordna lill-attrici thallas is-somma ta' €200 fix-xahar ghall-manteniment, filwaqt li l-ispejjez edukattivi u tas-sahha ghandhom jigu sopporati mill-konvenut.

**DECIDE:**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Onorabbli Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

i) Tilqa' l-ewwel talba attrici *in parte*, billi filwaqt li tikkonferma li l-kura u kustodja ghandha tibqa' wahda kongunta, tichadha b'dana li l-fond ta' abitazzjoni bhala residenza stabbli tal-minuri K ghandha tkun dik tal-konvenut.

ii) Tilqa' t-tieni talba attrci b'dana li l-access ghandu jigi ezercitat skond kif gie deciz fl-intestatura "Access."

iii) Tichad it-tielet talba attrici u tordna minflok li l-attrici thallas lill-konvenut is-somma ta' €200 fix-xahar ghall-minuri K , liema somma ghanda tizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja. L-

ispejjez tal-edukazzjoni u sahha ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

iv) Tilqa' r-raba' talba attrici u tordna li l-passaport tal-minuri K ghandu jinzamm mill-konvenut u jista' jigi mgedded bil-kunsens tal-partijiet, u kull parti tkun tista' ssiefer maghha ghal mhux iktar minn gimgha, b'dana li l-genitur li jibqa' Malta ghandu jigi infurmat bid-dettalji tal-vjagg, fejn ser tkun qed tirrisjedi l-minuri u jrid ikun hemm kuntatt tal-anqas darba kuljum mal-genituri li jkun qieghed Malta.

L-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Onor.Imhallef Dr.Anthony J. Vella** **Registratur**